# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2264

**Kaz Numru 2905 JHP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Lawrence Hili**

**u**

**Melita Marine Ltd.**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur James Pearsall**

**Illum l-Erbgha 22 ta' Jannar 2014**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar it-18 ta' April 2011.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Laurence Hili, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun mill-Avukati Anglu Farrugia u Caroline Farrugia.

2.2 Il-kumpanija Melita Marine Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah is-socjeta intimata, kienet irrapprezentata minn Alexander Gatt meghjun mill-Avukati Luigi Sansone u Jonathan Abela Fiorentino.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrent beda fl-impjieg mas-socjeta intimata nhar il-25.01.99 fil-kariga ta' *Storekeeper* fuq kuntratt *whole-time* ghal zmien minghajr terminu. Nhar it-03.01.08 is-socjeta intimata harget cirkulari interna fejn gharrfet lill-impjegati bir-ristrutturar li kien sar u l-linja ta' tregija gdida ghall-impjegati. Nhar is-27.02.08 ir-rikorrent inhatar fil-kariga ta' *Sales Executive,* u ghalkemm il-kuntratt mibdul ma ffirmahx, kien accetta minnu partijiet li allegatament kienu vantaggjuzi ghalih. Maz-zmien ir-rikorrent allegatament beda jagixxi b'mod li kien juri car li ma riedx jirrikonoxxi l-kmand ta' David Sammut li kien inhatar il-*Manager* tieghu. Minhabba twissijiet ripetuti dwar l-agir tieghu ta' allegata insubordinazzjoni, is-socjeta intimata ddecidiet li ttemm l-impjieg tar-rikorrent. Ir-rikorrent allegatament accetta din id-decizjoni, izda talab li jinghata zmien biex ikompli fl-impjieg sakemm jistabbilixxi ruhu f'impjieg iehor. It-talbiet tieghu ntlaqghu darbtejn ghal zmien

limitat. Nhar il-31.12.10 il-kumpanija intimata temmet l-impjieg tar-rikorrent ghal ragunijiet dixxiplinarji, izda hallset lir-rikorrent sat-28.02.11 kif kien akkordat qabel.

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Pierre Balzan, Alexander Gatt, David Sammut u Dorianne Theuma xehdu ghas-socjeta intimata.

4.2 Ir-rikorrent xehed ghalih innifsu.

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Is-socjeta intimata esebiet:

5.1.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'erba' pagni flimkien ma' hdax -il appendici konsistenti fi 32 pagna.

5.1.2 Tliet appendici mmarkati Dok.MML01 sa Dok.MML03.

5.1.3 Ghaxar appendici mmarkati AGO1 sa AG10 konsistenti f'40 pagna.

5.1.4 Dokument b'pagna wahda mmarkat Dok.PS1.

5.2 Ir-rikorrent esebixxa:

5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'zewg pagni.

5.2.2 Kopja ta' dokument statutorju ETC103 konsistenti f'pagna wahda, immarkata Dok. AF1.

5.2.3 Kopja ta' ittra datata 27.07.00, mibghuta lir-rikorrent minn Pierre Balzan, li fiha r-rikorrent inhatar biex jissostitwixxih fl-assenza tieghu mill-ufficcju, immarkata Dok.LH1.

5.2.4 Kopja ta' ittra datata 11.08.00 mibghuta lill-impjegati minn Pierre Balzan fejn gharrafhom dwar il-kontenut tal-ittra datata 27.07.00, immarkata Dok.LH2.

5.2.5 Kopja ta' messagg elettroniku datat 16.09.10 mibghut lir-rikorrent rigwardanti tibdil fl-ispazju tal-ufficcju, immarkata Dok.LH3.

**6. Gabra fil-qosor tax-xhieda**

6.1 **Pierre Balzan,** impjegat fil-kariga ta' Direttur mas-socjeta intimata, stqarr li r-rikorrent kien ilu jahdem f'diversi karigi mas-socjeta intimata ghal numru ta' snin. Kien hemm zmien fl-ewwel snin tal-impjieg fejn r-relazzjoni taghhom fuq ix-xoghol kienet tajba hafna, tant li hu stess kien hatru sabiex jissostitwixxih meta jkun assenti, u dan ghaliex kellu fiducja fih. Ix-xhud kompla li maz-zmien tul l-impjieg tieghu, ir-rikorrent kien ripetutament jahdem sighat anqas minn

dawk li kien kuntrattat ghalihom, u kien jevita li jaghmel xoghol mitlub minnu bl-iskuza li kien ikun okkupat fuq xi attivita' ohra, meta dan ma kienx ikun veru. Wara r-ristrutturar li sar fis-socjeta fil-bidu tas-sena 2008, ir-rikorrent kien ordnat li jirrapporta ghal xoghlu lil David Sammut, u kien offrut kuntratt mibdul li jirrifletti l-bidliet li kienu saru internament b'rizultat tal-istess ristrutturar, inkluza l-linja ta' treggija. Ir-rikorrent irrifjuta li jiffirma l-kuntratt mibdul u ripetutament injora ghal kollox l-awtorita ta' David Sammut. Ix-xhud kompla li kemm hu kif ukoll persuni ohra fil-kumpanija widdbuh kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub biex jiddesisiti mill-attegjament tieghu, izda kien kollu ghalxejn. It-twegibiet tieghu dwar in-nuqqasijiet kienu jkunu "Jekk trid keccini". Xi zmien qabel ma ddecieda li jtemm l-impjieg tar-rikorrent, il-kumpanija intimata kienet iddecidiet li tiftah hanut gdid ta' *Chandlery* u wasal iz-zmien biex dan jibda jintrama u jimtela bil-prodotti ghall-bejgh. F'dan iz-zmien il-kumpanija kellha bzonn li l-hanut jibqa' miftuh il-hin kollu u konsegwentement kien mehtieg li r-rikorrent jissostitwixxi lill-kollega tieghu meta dan tal-ahhar kien isirlu l-hin tal-mistrieh. Minhabba f'hekk hu kien ordna biex waqt dan il-hin ir-rikorrent jissostitwixxi lill-impjegat inkarigat mill-hanut. Ix-xhud kompla li wara din l-ordni kien siefer fuq xoghol, u meta kien barra cempillu r-rikorrent fejn qallu li ma riedx li jzomm il-hanut miftuh, izda ma kienx qallu r-raguni ghaliex. Wara li kkonferma ma' Alexander Gatt li r-rikorrent ma kienx obdieh, iddecieda li ma kienx lest ikompli jaccetta d-dizubbidjenza tieghu, u kkonkluda li jtemmlu l-impjieg. Saret laqgha apposta permezz tat-telefon mas-Segretarju tal-Bord dwar l-istess suggett li fiha kien deciz li jintemmlu l-impjieg. Meta r-rikorrent kien mgharraf b'din id-decizjoni ma opponiex, u kull ma talab kien li jinghata ftit cans sakemm ikun lesta dak li kien qieghed jaghmel biex jiftah hanut ghal rasu. Is-socjeta tawlet iz-zmien originali ta' tliet xhur avviz sa Frar 2011, izda nhar il-31.12.00 temmitlu l-impjieg minhabba dixxiplina.

6.2 **Lawrence Hili,** stqarr li kien ilu jahdem b'kuntratt tal-impjieg miktub ma' xi kumpanija jew ohra tal-grupp ghal wiehed u ghoxrin sena, l-ahhar tlettax -il sena minnhom mas-socjeta intimata fil-karigi ta' *Storekeeper, Purchasing Officer/Runner* u *Sales Executive.* Fost affarijiet ohra x-xoghol tieghu kien jinkludi wkoll xiri minghand u bejgh lil-kumpanija lokali u barranin. L-attivitajiet tieghu kienu jinkludu l-amministrazzjoni tal-vetturi kollha fuq il-kotba tal-kumpanija intimata, ir-rilaxxament tal-prodotti li jaslu minn barra mid-Dwana ghall-imhazen tal-kumpanija, trasferiment tad-dettalji tax-xiri fuq il-komputer, u bejgh tal-istess prodotti u hrug tal-fatturi. zied jghid li fl-2003 kien inghata twiddiba miktuba, izda wara li tkellem ma' Pierre Balzan kien intlahaq ftehm li t-twiddiba tithassar, izda qatt ma saret bil-miktub. Matul iz-zmien tieghu fl-impjieg qatt ma nghata twiddib bil-fomm. Ix-xhud kompla li fl-2008 kien sar ristrutturar fil-kumpanija intimata u hu kien mistieden jiffirma kuntratt gdid li ghalih kellu diversi oggezzjonijiet, fosthom: it-tibdil fil-linja ta' tregija li b'rizultat taghha kien ordnat jirrapporta lil David Sammut, persuna li ma kienx imur tajjeb maghha, minflok kif kien qabel, lid-Direttur; tibdil fil-hinijiet tax-xoghol u li kienu jinkludu waqfien ta' siegha li qatt ma seta' jiehu minhabba xoghlu; il-fatt li l-kuntratt kellu data 01.01.08 bhala d-data tal-bidu tal-impjieg; il-hlas ta' kummissjoni li kien fih il-kuntratt li ma ffirmax ma kien jghid xejn gdid ghaliex hu minn dejjem kien jithallas kummissjoni fuq il-bejgh li jaghmel. Ix-xhud ammetta li lil David Sammut qatt ma rrikonoxxieh u qatt ma kien jobdi ordnijiet tieghu. Dan ghaliex minbarra li hu kien inhatar *Acting Assistant*

*Director*, wara l-hrug tac-cirkulari dwar ir-ristrutturar kien gara incident dwar iz-zebgha, u Pierre Balzan kien qallu li ahjar jerga' jibda jirrapporta lilu. Matul l-2010 il-kumpanija intimata fethet hanut tax-*Chandlery* biex jitmexxa minn *Storekeeper* iehor, u permezz ta' messagg elettroniku datat 06.09.10 kien ordnat biex fil-hin tal-mistrieh tal-kollega tieghu hu jmur jissostitwixxih bir-responsabbilta li jekk jinstabu xi oggetti jew flus nieqsa jidhol responsabbli. Jum fost l-ohrajn, meta l-hanut il-gdid kien ghadu ma bediex jiffunzjona, Pierre Balzan cempillu minn barra l-pajjiz u staqsieh jekk kienx beda jmur jissostitwixxi lill-kollega tieghu fil-hin tal-mistrieh. Meta hu wiegbu fin-negattiv, Pierre Balzan qallu li kien qieghed ikeccieh b'avviz ta' tliet xhur. Jum fost l-ohrajn meta Pierre Balzan wasal lura Malta kien mar ikellmu dwar il-pozizzjoni tieghu u Pierre Balzan wiegbu li jekk jaccetta li jispicca mill-impjieg u jiffirma kuntratt gdid ta' impjieg kien lest li jzommu. Ix-xhud stqarr li gharraf lil Pierre Balzan li ma riedx jaghmel hekk u fl-istess waqt gharrfu li kien f'negozjati li jixtri hanut u talbu jtawwallu z-zmien tal-avviz tat-temm tal-inmpjieg sakemm jieqaf ftit fuq saqajh. F'xi jum f'Jannar 2010 mar l-ufficcju u la sab l-iskrivanija u lanqas id-dokumenti li kien jahdem fuqhom. Wara ltaqa' ma' Pierre Balzan dwar dak li nkiteb fil-formola statutorja, u minhabba li kien fiha li kien qieghed jitkecca minhabba dixxiplina ma riedx jiffirmaha. Pierre Balzan accetta li jibdel il-kawza tat-tkeccija minn dixxiplina ghal *redundancy*, izda Alex Gatt irrifjuta li jibdilha. Ir-rikorrent temm ix-xhieda tieghu billi qal li kien qieghed jahdem bil-paga minima.

6.3 **Alexander Gatt**, impjegat sa mill-2005 fil-kariga ta' Segretarju tal-Bord tad-Diretturi u Kontrollur Finanzjarju tas-socjeta intimata, liema kariga kienet tinkludi l-amministrazzjoni tat-Taqsima tar-Rizorsi Umani, stqarr li fl-1999 ir-rikorrent beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Storekeeper*. Nhar is-27.07.00 inhatar *Purchasing Officer/Runner*, u fit-28.02.08 inhatar *Sales Executive* u kien offrut kuntratt gdid li jirrifletti r-ristrutturar li kien sar fis-socjeta intimata. Ix-xhud irrakkonta l-esperjenzi tieghu bejn l-2005 u l-2010 li matulhom ir-rikorrent kien ripetutament jirrifjuta ordnijiet ta' min jikkmandah, inkluzi dawk tieghu, jekk dawn ma jkunux gejjin esklussivament minghand Pierre Balzan. Ghalkemm wara r-ristrutturar ir-rikorrent accetta t-tibdil kuntrattwali li hu kien jaqbel mieghu, irrifjuta li jiffirma l-kuntratt li kien tfassal biex jirregolarizza l-kundizzjonijiet tal-impjieg ghall-impjegati kollha li jirrizultaw mill-istrutturar. zied jghid li r-rikorrent intemmlu l-impjieg bis-sahha ta' rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi minhabba li rrifjuta li jsegwi l-ordnijiet li kien inghata matul medda ta' zmien, fosthom: dawk rigwardanti l-linja ta' tregija gdida, meta ma riedx jiehu l-ordnijiet minghand David Sammut; il-hinijiet tax-xoghol li jiddepozita flus fil-Bank f'isem is-socjeta intimata, ammonti li gie li lahhqu €13,000; li jkompli jittrasferixxi dokumenti minn post ghall-iehor bhalma huma dawk tal-VAT; jekk mhux fuq ordni ta' Pierre Balzan, li jaghmel verifiki regolari kull xahar tal-hazna ta' materjal u oggetti li kienu jaqghu fir-responsabbilta' tieghu; kien jaghmel zbalji meta kien idahhal taghrif dwar il-hazna fil-komputer minkejja li kien mgharraf ripetutament li d-*data* li kien qieghed idahhal kien jippustjaha hazin; u rrifjuta li jissostitwixxi impjegat iehor waqt il-hin tal-mistrieh tal-kollega tieghu, ghaliex ma riedx li jinzamm responsabbli ta' diskrepanzi li setghu jirrizultaw minn xi nuqqas li ma kienx tieghu. Minkejja li kien inghata ordni biex meta jissostitwixxi lill-kollega tieghu issir biss verifika tal-flus kontanti, xorta wahda baqa' joggezzjona li jattendi fil-hanut tax-*Chandlery*. Fl-2003 ir-rikorrent kien inghata twiddiba miktuba u

wara kien imwissi ripetutament bil-fomm dwar in-nuqqasijiet tieghu. Ghalkemm it-temma tal-impjieg saret bhala mizura dixxiplinarja, is-socjeta ddecidiet li thallsu tliet xhur paga shiha. Wara xi zmien ir-rikorrent talab estensjoni tat-tliet xhur u t-talba tieghu ntlaqghet u nghata tliet xhur ohra. Ix-xhud kompla jghid li matul iz-zmien kollu ta' avviz tat-temma tal-impjieg ir-rikorrent kompla juri attitudni negattiva. Waqt laqgha bejn Pierre Balzan u r-rikorrent li ghaliha kien prezenti wkoll ix-xhud, Pierre Balzan u r-rikorrent qablu li dan tal-ahhar ghandu jithallas sal-ahhar ta' Frar 2011, izda r-rikorrent ma riedx li fil-formola statutorja tat-temma tal-impjieg jintwera li kien intemmlu l-impjieg minhabba dixxiplina. Wara li hu kien gharraf lill-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig li r-rikorrent kien tkecca minhabba dixxiplina, Pierre Balzan qallu biex jibdilha ghal *redundancy*, izda din kienet rifjutata mill-istess Korporazzjoni. Ir-rikorrent irrifjuta li jiffirma l-formola rilevanti ghaliex ried li jintwera li kien *redundant*, izda d-dokumet inbaghat lill-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig minghajr il-firma tar-rikorrent.

6.4 **David Sammut,** impjegat fil-kariga ta' *Manager* mas-socjeta intimata, iddikjara permezz ta' affidavit li fl-2008 inhatar fil-kariga ta' *Manager* li permezz ta' hekk sar responsabbli ghall-amministrazzjoni tar-rikorrent u x-xoghol kollu li kien jaghmel. Minkejja l-bidla r-rikorrent irrifjuta li jirrapporta lilu u kien jinjora l-ordnijiet kollha li kien jinghata, li jzommu aggornat f'dak kollu li kien jaghmel, u li josserva l-hinijiet mibdula li kien ordnat jahdem. Ir-rikorrent kien jobdi biss ordnijiet li jigu minn Pierre Balzan. Tant hu hekk li l-ordnijiet li kien jaghti lir-rikorrent kien jew jikkomunikahom lil Pierre Balzan biex jordnalu dan tal-ahhar, jew inkella kien ikollu jqabbad lil haddiehor biex jaghmel ix-xoghol.

6.5 **Dorianne Theuma**, impjegata fil-kariga ta' *Receptionist* mas-socjeta intimata, stqarret li fost xoghol iehor hi kienet tamministra l-formoli statutorji rigwardanti l-impjiegi u tat-temma tal-impjieg. Meta f'Dicembru 2010 fuq ordni ta' Alexander Gatt imliet id-dokument statutorju rigwardanti t-temma tal-impjieg tar-rikorrent ghar-raguni ta' *dismissal* dan irrifjuta li jiffirmah u hadu mieghu biex jiehu parir minghand l-Avukat tieghu, izda qatt ma gabu lura. Meta rat hekk iddecidiet li tmur ghand ir-rikorrent hi. Talbitu u gabet id-dokument lura mhux iffirmat.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Jonathan Abela Fiorentino f'isem il-kumpanija intimata:

7.1.1 Argumenta li:

- Ir-rikorrent mhux biss innegozja u accetta l-avviz li nghata ta' tliet xhur ghat-temma tal-impjieg, u talab estensjoni taz-zmien li kienet milqugha mis-socjeta intimata, izda wkoll talab biex fid-dokument statutorju jintwera li t-temma tal-imjpieg irrizultat minn *redundancy* minflok minhabba azzjoni dixxiplinarja. Dan kollu jikkonflingi mal-pretenzjoni tieghu li t-tkeccija kienet wahda ingusta.

- Ir-raguni ghat-tkeccija kienet l-oppozizzjoni kontinwa tar-rikorrent kontra t-tibdil li sar b'rizultat tar-ristrutturar fl-organizzazzjoni u t-tmexxija tas-socjeta intimata.

- Il-kuntratt tal-impjieg li kien mitlub li jiffirma bhall-kumplament tal-impjegati ma kienx mahsub biex jibdel il-kundizzjonijiet tax-xoghol li kien igawdi r-rikorrent. Il-kuntratt kien mahsub biex jirregolarizza l-kundizzjonijiet tal-impjegati effettwati bl-ezercizzju tar-ristruttarar li sar. Ir-rikorrent seta', kieku ried, minflok jirrifjuta li jiffirma l-kuntratt jiddiskuti dak li ma kienx jaqbel mieghu bil-hsieb li jintlahaq kompress accettabbli ghaz-zewg partijiet.

- Il-hatra ta' Assistent Direttur li kien inghata r-rikorrent ma bidlet xejn mill-attivitajiet li kien jaghmel konformi mal-kariga ta' *Sales Executive*.

7.1.2 Talab biex fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddikjara li r-rikorrenti kien tkecca ghal raguni tajba u bizzejjed skont il-Ligi.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Anglu Farrugia f'isem ir-rikorrent:

7.2.1 Argumenta li:

- Ir-rikorrent ma setax jaccetta u jiffirma l-kuntratt gdid tal-impjieg, ghaliex minbarra li d-dhul fis-sehh tieghu ma kienx imur lura ghal meta r-rikorrent beda fl-impjieg mas-socjeta intimata, kien jinkludi artiklu li kien ihassar il-kuntratt precedenti u wkoll kien jibdel xi kundizzjonijiet tal-impjieg li kien igawdi. Fosthom dik li qatt qabel ma kien hemm *Manager* bejnu u bejn id-Direttur tas-socjeta intimata.

- Ir-rikorrent dejjem qeda dmirijietu tajjeb u minkejja xhieda kuntrarja ma kienu esebiti ebda dokumenti li jikkonfermaw li kien inghata xi twiddib matul id-durata tal-impjieg tieghu mas-socjeta intimata.

- Ir-raguni ghat-temma tal-impjieg kienet ir-rifjut tar-rikorrent li jissostitwixxi lil impjegat iehor fil-hanut tax-*Chandlery* waqt is-siegha tal-mistrieh. Izda minbarra li r-rikorrent kellu raguni ma jaghmilx hekk galadarba kien ser jinzamm responsabbli ghad-diskrepanzi li setghu jirrizultaw fil-hazna, il-verita kienet li wara r-rifjut tieghu, l-istess hanut qatt ma nzamm miftuh waqt il-hin li l-persuna responsabbli fil-kariga ta' *Storepkeeper* kienet tieqaf ghall-mistrieh.

- Irrizulta mill-provi li t-tkeccija saret wara, u ghar-raguni li r-rikorrent ma obdiex l-ordni rilevanti tad-Direttur.

7.2.2 Fid-dawl ta' dan kollu talab lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li isl-socjeta intimata temmet l-impieg tar-rikorrenti minghajr raguni gusta

u bizzejjed skond il-ligi, u konsegwentement ir-rikorrenti ghandu jinghata kumpens xieraq.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Il-pern ghar-rizoluzzjoni gusta ta' din il-kwistjoni tax-xoghol quddiem it-Tribunal Industrijali hi l-interpretazzjoni korretta tal-kontenut tat-tliet ittri wahda datata 27.07.00 immarkata Dok.LH1, ohra datata 11.08.00 immarkata Dok.LH2, u l-ahhar wahda tat-03.01.08 immarkata Dok AG05.

8.2 Fl-ewwel ittra Pierre Balzan awtorizza lir-rikorrent biex jissostitwixxih fl-amministrazzjoni tas-socjeta intimata biss ghaz-zmien li hu jkun nieqes mill-Ufficcju. L-istess ittra tghid ukoll li din l-awtorizzazzjoni tista' tkun revokata minghajr avviz f'kaz ta' mgiba skorretta. It-tieni ittra twassal il-messagg rigwardanti din l-awtorizzazzjoni lill-kumplament tal-impjegati. F'din it-tieni ittra Pierre Balzan irrefera ghall-awtorizzazzjoni li ta lir-rikorrent bil-kliem "*acting assistant director*". Il-kelma *acting* uzata f'din ic-cirkulari ma tistax tkun interpretata bhala hatra f'kariga sostantiva, izda biss wahda li tidhol fis-sehh jekk u meta Pierre Balzan ma jkunx jista', ghal kwalsijasi raguni, jaqdi dmirijietu bhala Direttur. Jirrizulta car mill-provi li r-rikorrent interpreta l-ewwel ittra bhala hatra sostantiva fil-gerarkija tas-socjeta intimata li tpoggih fit-tieni l-oghla kariga fl-istess socjeta, irrispettivament minn jekk Pierre Balzan ikunx disponibbli li jaqdi dmirijietu ta' Direttur jew le. Ma' dan kollu kien hemm ukoll il-pretenzjoni ezercitata ripetutament li hadd hlief Pierre Balzan ma seta' jaghtih ordnijiet. L-imgieba tar-rikorrent bejn is-snin 2000 u 2008, deskritta minn diversi xhieda, inkluza x-xhieda tar-rikorrent stess, tikkonferma dan kollu. It-Tribunal Industrijali ma jaqbilx mal-interpretazzjoni tar-rikorrent rigwardanti t-tifsira li ghandha tinghata lill-kontenut rilevanti tal-ewwel zewg ittri.

8.3 It-tielet ittra li saret tmien snin wara tirrevoka l-kontenut rilevanti tal-ewwel zewg ittri, u tistabbilixxi l-linja ta' tregija mibdula wara r-ristrutturar li sar fis-socjeta intimata. Mhux possibbli li jkun hemm dubju dwar ir-rizultat tal-bidla li ghamlet din l-ittra. Ma jaghmel ebda sens li Pierre Balzan jahtar *Manager* fi grad sostantiv bejnu u bejn ir-rikorrent, bil-kontemplazzjoni li meta Pierre Balzan ma jkunx disponibbli li jaqdi dmirijietu ta' Direttur, ir-rikorrent fil-kariga sostantiva ta' *Sales Executive* jaqbez lill-*Manager* tieghu biex imexxi l-kumpanija hu. Fid-dawl ta' dan kollu l-imgieba tar-rikorrent wara t-tielet ittra tammonta ghal sfida kontinwa tad-decizjoni li ha Pierre Balzan bhala l-Principal li jibdel il-linja ta' tregija u jahtar *Manager* bejnu u bejn ir-rikorrent.

8.4 Nhar it-22.02.03 ir-rikorrent inghata twiddiba miktuba minhabba l-insubordinazzjoni tieghu ghall-ordnijiet tal-Principal, u l-mod kif kien qieghed igib ruhu mal-istess Principal fil-protesti li kien jaghmel. Ghalkemm il-kumpanija intimata ma hargitx aktar twiddibiet miktuba, u minkejja r-ristrutturar fil-linja ta' tregija awtorizzat mill-istess Pierre Balzan, jirrizulta mix-xhieda, inkluza dik tar-rikorrent, li dan tal-ahhar ma riedx jaccetta t-tibdil li sar fil-linja ta' tregija, u kompla bl-

atteggjament tieghu li jisfida l-ordnijiet li kienu jinghatawlu minn David Sammut, mahtur *Manager* tieghu.

8.5 L-ordni li nghata biex jissostitwixxi impjegat iehor fil-hanut tax-*Chandlery* kienet ordni tal-Principal. Ir-rikorrent kellu ragun joggezzjona li ma jissostitwixxix lil impjegat iehor kif kien mitlub waqt il-hin tal-mistrieh ghaliex kien ser jinzamm responsabbli ghal xi diskrepanzi fil-hazna tal-materjal. Izda meta din l-ordni nbidlet u kien ser jinzamm biss responsabbli ghall-flus kontanti, xi haga li setghet tkun verifikata f'qasir zmien kull darba, u xhieda li ma kinietx kontestata mir-rikorrent, id-dizubbidjenza tieghu kienet tammonta ghal sfida ta' ordni legittima.

8.6 Il-kuntratt mibdul li kien mistieden jiffirma r-rikorrent, u li kien jghid car li kien ser jidhol fis-sehh b'effett mit-28.02.08, kien jinkludi artiklu dwar iz-zmien ta' prova li minkejja li ma setghetx tghodd ghar-rikorrent, iddahhlet. Minhabba f'dawn iz-zewg elementi r-rikorrent kellu ragun jirrifjuta li jiffirma.

8.7 Ix-xhieda rigwardanti l-isfida ripetuta tal-ordnijiet legittimi tal-*Manager* tieghu u wkoll ix-xieda Pierre Balzan, ammessa mir-rikorrent stess, irrendew minghajr htiega l-formalita tal-hrug ta' akkuzi dixxiplinarji u s-smigh taghhom. Dan ghaliex meta persuna tammetti l-fatti rigwardanti l-akkuzi, kull ma jkun fadal hu li jkun iffissat kastig proporzjonat.

8.8 It-Tribunal Industrijali osserva li bejn il-partijiet saru negozjati irregolari dwar ir-raguni li ghandha tiddahhal fid-dokumenti statutorji rigwardanti t-temma tal-impjieg, izda mhux mehtieg ghall-iskop tar-rizoluzzjoni ta' din it-tilwima tax-xoghol li t-Tribunal Industrijali jissindika l-agir tal-partijiet f'dan ir-rigward.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ta kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta' u jiddeciedi li t-temma tal-impjieg tar-rikorrenti saret ghal raguni gusta u bizzejjed skont il-Ligi.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il centezmu (€93.17).

**James Pearsall**
**Chairman**